**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH**

**DISTRETT QORMI**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Mary Rose Meli**

**Illum, 13 ta' Novembru 2020**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Mary Rose Meli bil-karta tal-identità numru 1079948M, fejn ġiet akkużata talli fil-15 ta' Ottubru 2019, u 16 ta' Ottubru 2019, ġewwa Triq Dun Marju, Ħal Qormi,

1) Bħala persuna li kellha kelb taħt il-kontroll tagħha, ħalliet lil dan il-kelb jiġġerra fi Triq Dun Marju jew f'post pubbliku ieħor mingħajr ma kellha kontroll tiegħu jew mingħajr ma żammitu b'ċinga;

2) Bħala persuna li fi triq jew f'post pubbliku ieħor, kellha taħt il-kontroll tagħha xi kelb, naqset li ġġor magħha borża tal-klieb, liema borża għandha tintuża sabiex jinġabar il-ħmieg tal-kelb;

3) Bħala persuna li fi triq jew f'post pubbliku ieħor, kellha taħt il-kontroll tagħha xi kelb, u li f'dak il-ħin, il-kelb ħammeġ it-triq, u hi naqset li tneħħi minnufih dak il-ħmieġ.

Rat id-dokumenti eżebiti;

Semgħet ix-xhieda;

Semgħet trattazzjoni;

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Mill-provi prodotti, il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, it-tliet imputazzjonijiet imressqa fil-konfront tal-imputata. F'dan il-każ, xehdet Tiffany Abela, li spjegat li fid-dati tal-15 ta' Ottubru 2019, u tas-16 ta' Ottubru 2019, hija marret għamlet rapport mal-Pulizija peress li mill-filmati tas-*CCTV cameras* li għandha mad-dar tagħha fi Triq Dun Mario, Ħal Qormi, kien jidher li l-kelb tal-imputata kien qed idur bla ċinga barra fit-triq, u li kien ħammeġ quddiem id-dar ta' residenza tagħha. L-istess Abela spjegat li din is-sitwazzjoni, kienet ilha tippersisti, u minkejja li ppruvat tkellem bil-kelma t-tajba lill-imputata, anke tramite qraba tal-istess imputata, is-sitwazzjoni baqgħet tippersisti. Ġie eżebit ukoll il-filmat ta' dan il-kelb, liema filmat inġibed minn Tiffany Abela bil-*mobile* taghha, waqt li ħalliet il-filmat meħud mic-*CCTV cameras* għaddej.

L-imputata għażlet li ma tixhidx u ma tressaqx provi tagħha. Tistrieħ fuq l-allegazzjoni li l-filmati huma datati 12 ta' Ottubru, u li l-filmati, filli juru l-kelb u filli le, bil-konsegwenza li għalhekk il-Prosekuzzjoni ma resqitx provi lil hinn minn kull dubbju raġjonevoli. Din il-Qorti tqis li anke li kieku kellha tiskarta kompletament il-filmat eżebit mill-Prosekuzzjoni, il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-każ tagħha

bix-xhieda mogħtija minn Tiffany Abela. Mill-banda l-oħra, id-difiża, bl-ebda mod ma ressqet provi li jwaqqgħu jew jikkontradixxu x-xhieda mogħtija minn Tiffany Abela, li kienet waħda kostanti fiż-żewg okkażżjonijiet li xehdet quddiem din il-Qorti. Ix-xhieda mogħtija viva voce minn Tiffany Abela, tikkombaċa wkoll mal-verzjoni li kienet tat l-istess Tiffany Abela *a tempo vergine,* lill- Uffiċjal tal-Pulizija, u dana hekk kif jirriżulta mill-affidavit ta' WPC 189, eżebit f'dawn l-atti.

**Decide**

**Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17(c) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Artikoli 3(1), 5(1) u (2); u 7(1)(a), 7(1)(b) u 7(3) tal-Avviż Legali 242 tal-2000, issib lil Mary Rose Meli ħatja tal-imputazzjonijiet kollha mressqa fil-konfront tagħha, u tikkundannaha għal ħlas ta' ammenda ta' tlieta u għoxrin Ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29c) fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, ħlas ta' ammenda ta' ħdax-il Ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€11.65c) fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, u ħlas ta' tlieta u għoxrin Ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29c) fir-rigward tat-tielet imputazzjoni.**

**Maġistrat Simone Grech**

**Janet Calleja**

**Deputat Reġistratur**